

# Ir-Rapport tal-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti dwar l-Ismijiet tal-Munita Ewropea

# EWRO

## Premessa metodoloġika

Kull meta tintgħażel kelma ġdida jew tiġi aċċettata kelma minn ilsien ieħor, il-proċess jinvolvi żewġ stadji, li huma:

1) **l-għażla tal-kelma:** jiġifieri li jiġi diskuss u deċiż liema kelma (mitkellma) hija l-aħjar u għandha tintgħażel, u jiġu stabbiliti l-forom kollha possibbli tagħha (ngħidu aħna, il-femminil, il-plural, eċċ. skond il-każ); u

2) **l-għażla tal-kitba** (jew **ortografija**): jiġifieri jintgħażel il-mod kif il-kelma magħżula f'(1) għandha tinkiteb sew, skond ir-regoli uffiċjali tal-lingwa partikolari.

Bil-Liġi tal-Malti (*Att dwar l-Ilsien Malti*, Kap. 470; ara Art. 2, taħt "ortografija") mgħoddija unanimament mill-Parlament Malti fl-2004, ir-regoli uffiċjali tal-kitba Maltija huma dawk li jinsabu fil-ktieb *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija II*, 2004, Malta: Akkademja tal-Malti. Skond l-istess Liġi, il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti huwa l-unika awtorità lingwistika li għandha l-jedd tinterpreta u tibdel dawn ir-regoli ortografiċi (ara Art. 5 (2)).

Huwa importanti li dawn iż-żewġ stadji:

a) isiru t-tnejn,
b) jinżammu separati, u
ċ) isiru wara xulxin skond l-ordni korretta (kif mogħtija hawn fuq).

## Id-diskussjoni u l-għażla

Fid-dawl tal-prinċipji mfissra hawnhekk u wara diskussjoni u konsultazzjoni, il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti qiegħed jagħmel dawn l-għażliet, li se jitfissru hawn taħt flimkien ma' l-argumenti li wasslu għalihom.

> Il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti għandu jagħmel kull aġġornament li jkun meħtieġ fl-ortografija ta' l-ilsien Malti, u minn żmien għal ieħor, skond il-ħtieġa, jistabbilixxi l-mod kif għandu jinkiteb il-kliem ġdid fil-Malti u l-kitba korretta ta' kliem u frażijiet li jidħlu fil-Malti minn ilsna oħra
>
> *Att dwar l-Ilsien Malti*, Art. 5 (2)

# ewro, nom maskil
plural ewro

Ġew ikkonsidrati bosta forom possibbli, li kienu dawn:

- **euro**, pl. **euro** / **euros** / **euri**
- **ewro**, pl. **ewro** / **ewri**
- **jurow**, pl. **jurow** / **jurows**
- **juro**, pl. **juro** / **juros**



## L-għażla tal-kelma

Bħalma jiġri dejjem fil-każ tal-lingwi l-oħra, l-isem tal-munita Ewropea ewlenija għandu joħroġ mill-pronunzja ta' l-ewwel żewġ sillabi ta' l-isem ta' l-Ewropa fil-lingwa li tkun (bħall-Ingliż **euro** minn **Europe** [ˈjʊəɹəp], it-Taljan **euro** minn **Europa** [euˈrɔpa], eċċ.).

B'dan il-kriterju jinqatgħu barra l-forom kollha ppronunzjati la Ingliża (**jurow**, **juro**, eċċ.), anke jekk hemm xi Maltin li bħalissa qed jużawhom. Il-kelma **ewro** tibqa' l-unika għażla possibbli.

Il-ġens ta' dan in-nom huwa maskil, u dan diġà ntgħażel istintivament mill-poplu Malti u ma narawx għaliex għandu jiġi diskuss.

Dwar il-plural ġew ikkonsidrati żewġ possibiltajiet: (1) **ewro**, pl. **ewri**, biż-żieda tas-suffiss **–i** ta' nisel Rumanz u (2) **ewro**, pl. **ewro**, b'għamla invarjabbli, jiġifieri li ma tinbidilx. **ewro** - **ewri** ssegwi l-maġġoranza kbira tan-nomi Maltin, fejn is-singular u l-plural ikollhom għamla differenti (**lira** - **liri**, **lapes** - **lapsijiet**, **sodda** - **sodod**).

Mill-banda l-oħra, fil-Malti diġà jeżisti wkoll għadd żgħir ta' nomi invarjabbli, jiġifieri li jibqgħu dejjem l-istess, bħal **martri**, **verġni**, eċċ. (eż. **martri wieħed**, **ħafna martri**). Anke bosta aġġettivi ta' nisel Ewropew, bħal **possibbli**, **intelliġenti**, **oranġjo**, eċċ. ukoll ma jinbidlux fil-plural (eż. **żagħżugħ intelliġenti**, **żgħażagħ intelliġenti; purtiera oranġjo**, **purtieri oranġjo**).

Barra minn hekk, il-forma **ewri** nħasset sfurzata tista' tgħid minn kull min ġie avviċinat. Jista' jkun li dan qed jiġri għax fil-Malti diġà laħqet indrat (forsi mill-midja Taljana) u tidher ippreferuta l-forma **ewro** - **ewro** fi frażijiet bħal *Sarraft tmien ewro* (u mhux *ewri*).

Ta' min jiftakar ukoll li, anke kieku kellha tintgħażel il-forma **ewri**, ikun diffiċli biex taqbad, għaliex fin-nomi Maltin il-plural jintuża biss man-numri 2-10, waqt li s-singular jintuża mhux biss ma' wieħed imma wkoll man-numri kollha minn 11 sa l-infinità (eż. **żewġ karozzi**, **disa' karozzi** imma **karozza**, **ħdax-il karozza**, **tmenin karozza**, **miljun karozza**).

Għaldaqstant, l-għażla tagħna taqa' fuq il-plural **ewro**.

## L-għażla tal-kitba

Il-forma Maltija għandha ssegwi r-regoli ta' l-ortografija uffiċjali Maltija. Dan il-prinċipju jgħodd għal kulma jinkiteb bil-Malti.

Issa l-ortografija Maltija ma tippermettix **eu** ħdejn xulxin ħlief meta dawn ikunu ppronunzjati bħala żewġ sillabi differenti, jiġifieri **e-u** (eż. **ateu**, eċċ.).[1] Dan mhuwiex il-każ ta' **ewro**, fejn **ew-** tikkostitwixxi sillaba waħda.

Kull meta **eu-** ta' l-ilsna Ewropej (ippronunzjata b'sillaba waħda) tinstab fil-Malti, din tieħu dejjem il-kitba **ew-** (eż. **Ewropa, ewfemiżmu, ewkaristija**).

Għal dawn ir-raġunijiet, l-unika forma li tirrispetta l-kitba tal-Malti u tintegra kif jixraq magħha hija **ewro** (pl. **ewro**), u allura hija l-unika waħda li l-Kunsill tal-Malti jista' jipproponi.

Dan l-argument bażiku huwa msaħħaħ minn konsiderazzjoni prattika. Kieku kellha tintuża l-kitba barranija **euro**, din tkompli tiġġenera, kif diġà qed tagħmel, ambigwità u inċertezza fil-qarrejja. Fil-fatt, bħalissa meta tintuża **euro** fil-Malti hemm min qed jaqraha *ewro* [ˈɛwrɔ] u min la Ingliża, *jurow* [ˈju:rɔw]. Huwa għalhekk li l-artiklu ta' dil-kelma qed insibuh daqqiet **l-euro** (*l-ewro*) u daqqiet **il-euro** (*il-jurow*). Mill-banda l-oħra l-kitba **ewro** ma fiha l-ebda ambigwità u lill-qarrej twasslu biss għall-pronunzja t-tajba.

Il-kelma **ewro** tinkiteb dejjem bl-ewwel ittra żgħira, ħlief meta tkun fil-bidu tas-sentenza.

Bħala taqsira li ġieli titqiegħed quddiem ċifra (minflok is-simbolu ta' l-ewro €) wieħed għandu jaċċetta t-taqsira uffiċjali **EUR** għaliex din hija biss sigla internazzjonali użata fis-sistema bankarja ma' taqsiriet oħra ta' l-istandard ISO 4217 (bħal **MTL** għal-lira Maltija u **USD** għad-dollaru Amerikan) u mhix element tal-lingwa Maltija. Fil-każi l-oħrajn kollha, fil-Malti għandha tintuża l-forma **ewro**.

L-unika forma li tirrispetta l-kitba tal-Malti u tintegra kif jixraq magħha hija **ewro** (pl. **ewro**), u allura hija l-unika waħda li l-Kunsill tal-Malti jista' jipproponi

1. Ara *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija II*, p. 29, **Id-Disgħa u Tletin Regola:** "L-ittri *j* u *w* jinkitbu *j* u *w* (ittri konsonanti) u mhux *i* u *u*, meta qabilhom jew warajhom ikollhom vokali li magħha jissieħbu fil-leħen ta' dittong... Dan jiġri sew fil-bidu kemm ukoll ġewwa u f'tarf il-kelma f'taqsima ta' kelma. Għalhekk niktbu... *sew* u mhux *seu* (kif *sewwa* u mhux *seuua*)."

# **ċenteżmu**, nom maskil plural **ċenteżmi**

Hawn ukoll ġew ikkonsidrati diversi forom possibbli, fosthom dawn:

- **sent**, pl. **sents**
- **ċenteżmu**, pl. **ċenteżmi**
- **ċent**, pl. **ċenti**



## L-għażla tal-kelma

L-intuwizzjoni tal-kelliema Maltin warrbet il-forma ibrida **ċent** mill-ewwel, anke għaliex bħala zokk morfemiku fil-fatt hija assoċjata ma' "mija" u mhux ma' "wieħed minn mija".

Għalhekk jibqgħu l-forom **sent** u **ċenteżmu**.

**sent** hija l-verżjoni fonetika Maltija tas-**cent** Ingliża. Hija qasira u prattika, u tintuża minn ħafna Maltin.

Xi wħud iħossu li, jekk nadottawha ma' **ewro**, se jkollna taħlita infeliċi: kelma li fonetikament tintrabat mat-Taljan (**ewro**, pl. **ewro**) u warajha oħra ġejja direttament mill-Ingliż (**sent**, pl. **sents**). Imma dan mhux bilfors ħażin, l-ewwelnett għax il-Malti hekk magħmul, idomm kelma ta' nisel ma' oħra ta' nisel differenti għalkollox, it-tieni għax dan fil-fatt diġà qed jiġri, la bosta Maltin diġà jgħidu, per eżempju, *għoxrin lira u ten sents.*

U dan iġibna għal punt importanti ieħor.

Żvantaġġ kbir li għandhom il-kelmiet **sent** u **sents** huwa li dawn quddiemhom aktarx awtomatikament jitolbu n-numru bl-Ingliż. Issa kulħadd jaf li n-numri Maltin qegħdin ibatu mill-kompetizzjoni man-numri Ingliżi, li f'ċerti ambjenti (eż. fis-sekwenzi diġitali bħan-numri tat-telefown jew f'sekwenza ta' numri wara xulxin) diġà għoddhom ħadulhom posthom. Għalhekk jidher li ma jkunx għaqli li nagħżlu **sent** - **sents**, żewġ kelmiet li lin-numri Maltin aktarx ikomplu jagħtuhom id-daqqa tal-mewt.

Min-naħa l-oħra, **ċenteżmu**, għalkemm itwal, issa ndrat, titqies bħala l-kelma standard għal *cent* u għalhekk tinħass iktar Maltija minn **sent**. Żgur ukoll li din quddiemha titlob numru bil-Malti, kif inhu mixtieq. Dwar l-argument tat-tul tal-kelma, tajjeb niftakru li fit-Taljan in-nies kollha jgħidu *centesimo*, għalkemm l-isem uffiċjali magħżul huwa *cent.*

Għalhekk l-għażla tagħna taqa' fuq **ċenteżmu**. Din il-kelma tinkiteb dejjem bl-ewwel ittra żgħira, ħlief meta tkun fil-bidu tas-sentenza.

Il-plural tagħha (**ċenteżmi**) huwa diġà stabbilit bla kontestazzjoni.

Sakemm l-ismijiet il-ġodda jieħdu posthom għalkollox, f'każi partikolari fejn tkun tinħtieġ preċiżazzjoni biex tevita l-ambigwità (ngħidu aħna, f'kuntratti u dokumenti notarili), tista' tintuża l-kelma **ewroċenteżmu** (pl. **ewroċenteżmi**) biex tindika b'mod ċar il-munita l-ġdida.

## L-għażla tal-kitba

Fil-kitba tal-kelma magħżula mhemmx diffikultà. Niktbu: **ċenteżmu**, pl. **ċenteżmi**.

L-għamla mqassra tkun **ċ** (dejjem bit-tikka fuq rasha u mingħajr punt warajha), li diġà ndrat bħala taqsira ta' **ċenteżmu**. Dwar din it-taqsira m'għandux ikun hemm diffikultà għax it-taqsira għandha toħroġ mill-ittri tal-kelma; fil-Finlandiż, ngħidu aħna, it-taqsira uffiċjali ta' **sentti/senttiä** hija **snt**.

Fil-Malti ma teżistix c mingħajr tikka. Għalhekk, l-ittra barranija **c** mhix alternattiva għaċ-**ċ** Maltija u fil-Malti ma tirrappreżenta xejn. Bħalma l-Griegi tħallew jużaw l-alfabett Grieg għax l-ittri Latini mhumiex parti mill-kitba tagħhom, bl-istess argument il-Maltin ma jistgħux jiġu mġiegħla jużaw ittra li ma teżistix fl-alfabett tagħhom.

## Il-konklużjoni

Fid-dawl ta' dawn l-argumenti, il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti fil-laqgħa tat-3 ta' Novembru 2005 ppropona li l-ismijiet tal-munita Ewropea bil-Malti jkunu dawn li ġejjin:

- **ewro**
  nom maskil singular, bil-plural **ewro**

- **ċenteżmu**
  nom maskil singular, bil-plural **ċenteżmi**,
  it-tnejn imqassrin **ċ**

Aħna fiduċjużi

li bl-għażliet tagħna,

waqt li l-kriterji lingwistiċi

huma salvagwardati,

qed noqorbu sewwa

lejn ix-xewqa tal-poplu,

b'mod li l-forom issuġġeriti

m'għandhomx idumu

biex jixterdu

u jkunu popolari

bla ebda sforz

## Xi punti bażiċi

Hawn nixtiequ nagħmlu xi stqarrijiet li huma relevanti u ta' għajnuna għal kull min jipproponi fil-fora Ewropej l-ismijiet Maltin li qed iressaq il-Kunsill tal-Malti.

- Il-Malti sikwit huwa deskritt bħala "lingwa żgħira" mhux għax bħala lingwa għandu xi ħaġa inqas minn oħrajn ikbar minnu, imma għax din il-lingwa sħiħa hija użata minn komunità żgħira ta' kelliema.

- Il-Malti huwa lsien uffiċjali ta' l-UE, u fi ħdanha għandu jippretendi u jgawdi l-istess drittijiet u l-istess trattament tal-lingwi uffiċjali l-oħra. Dan ifisser ukoll li jkun irrispettat kif inhu, bil-morfoloġija tiegħu, bl-alfabett uffiċjali u bl-ortografija uffiċjali tiegħu.

- Bħalma jiġri f'ilsna oħra, xi forom ortografiċi Maltin (anke dawk issuġġeriti hawnhekk) ma jaqblux ma' dawk tal-biċċa l-kbira ta' l-ortografiji tal-pajjiżi membri l-oħra, għax kull lingwa għandha l-kitba tagħha. Fost il-forom issuġġeriti mill-Kunsill tal-Malti, insibu l-kelma **ewro** bil-w u l-kelma **ċenteżmu** biċ-ċ u ż-ż, it-tnejn bit-tikka. Dawn huma parti mill-ilsien Malti bil-karattru partikolari tiegħu u mhux għażliet kapriċċużi jew xi lussu li nistgħu ngħaddu mingħajru.

- Din il-partikolarità tal-Malti jeħtieġ li tiġi affermata fil-proposti tagħna, u f'dan nistgħu nsibu l-appoġġ, jekk mhux ukoll il-preċedent, ta' ilsna uffiċjali oħra. Ngħidu aħna, hemm lingwi li bħalna ma jiktbux il-kelma Ewropa b'**eu** imma b'ittri oħra (eż. il-Latvja **ei-**, l-Irlanda **eo-**, is-Slovenja **ev-**). Fil-Ġermaniż il-kelmiet **Euro** u **Cent** jinkitbu b'ittri kapitali biex jirrispettaw il-konswetudni ta' l-ortografija ta' dik il-lingwa. Fil-Finlandiż għas-*cent* tintuża l-kitba **sentti** bis-s u t-t doppja, għax hekk tinkiteb il-kelma fil-lingwa tagħhom. F'bosta mil-lingwi, il-forom huma suġġetti għal bdil ieħor minħabba d-deklinazzjoni (eż. fil-Finlandiż **senttiä, sentit,** fl-Iżvediż **euron, eurorna**, eċċ.). Fil-Grieg mhux talli l-kelmiet għall-ewro u ċ-ċenteżmu nqalbu bl-alfabett tagħhom, imma għaċ-ċenteżmu saħansitra tħallew jużaw isem differenti għalkollox (**λεπτό** LEPTÓ).

- Tajjeb li wieħed jiftakar li wħud mill-istati involuti, u skond xi għejun anke Malta, semmgħu leħinhom bil-qawwa dwar din is-sitwazzjoni. Dawn għadhom isostnu l-argumenti tad-diversità kontra tendenza oħra li trid tillivella l-forom lingwistiċi kollha għal forma waħda, li ġejja l-aktar min-naħa ta' setturi li mhumiex sensittivi wisq għar-realtà lingwistika, u żgur inqas sensittivi mill-poplu nnifsu li se jkollu juża dan il-kliem ladarba tittieħed id-deċiżjoni.

- It-tama tagħna hi li din l-attitudni tingħeleb, b'rispett lejn il-karattru individwali ta' l-ilsna differenti, li l-UE tant hija attiva fil-promozzjoni tad-diversità tagħhom.

Appendiċi A

## L-eżempji mmarkati b'tipa ħoxna huma forom "irregolari" aċċettati uffiċjalment mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea, anke f'testi legali

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Franza | 1 euro | **100 euros** | 1 cent | **100 cents** |
| Spanja | 1 euro | **100 euros** | 1 cent | **100 cents** |
| Il-Portugall | 1 euro | **100 euros** | 1 cent | **100 cents** |
| Il-Finlandja | 1 euro | **100 euroa** | **1 sentti** | **100 senttiä** |
| Il-Ġermanja | **1 Euro** | **100 Euro** | **1 Cent** | **100 Cent** |

Ara s-sit uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea:
http://europa.eu.int/comm/economy_finance/euro/faqs/faqs_13_en.htm

## Dawn huma forom użati regolarment fil-komunikazzjoni anke uffiċjali f'xi pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| L-Estonja | 1 euro | **100 eurot** | **1 sent** | **100 senti** |
| Ir-Renju Unit | 1 euro | **100 euros** | 1 cent | **100 cents** |
| L-Irlanda | **1 eoró** | **100 eoró** | **1 cheint** | **100 ceint** |
| Franza | 1 euro | 100 euros | **1 centime** | **100 centimes** |
| Spanja | 1 euro | 100 euros | **1 céntimo** | **100 céntimos** |
| Il-Portugall | 1 euro | 100 euros | **1 cêntimo** | **100 cêntimos** |
| L-Ungerija | **1 euró** | **100 euró** | 1 cent | 100 cent |
| L-Italja | 1 euro | 100 euro | **1 centesimo** | **100 centesimi** |
| Il-Latvja | **1 eiro** | **100 eiro** | **1 cents** | **100 centi** |
| Il-Litwanja | **1 euras** | **100 eurų** | 1 cent | **100 centų** |
| Is-Slovenja | **1 evro** | **100 evrov** | 1 cent | **100 centov** |

Ara www.evertype.com/standards/euro/euronames.html




Appendiċi B

## Mera tal-kliem magħżul imqiegħed fil-kuntest ta' l-użu

### Eżempji ta' l-użu prattiku

| | |
|---|---|
| 25ċ | ħamsa u għoxrin ċenteżmu |
| €1.05 | ewro u ħames ċenteżmi |
| €2.15 | żewġ ewro u ħmistax-il ċenteżmu |
| €6.30 | sitt ewro u tletin ċenteżmu |
| €12 | tnax-il ewro |
| €2,000 | elfejn ewro |
| €13,000,000 | tlettax-il miljun ewro |
| EUR 52 | tnejn u ħamsin ewro |
| | għal kull ewro |
| | għal kull ċenteżmu |

### Il-valuri differenti ta' l-ewro

| | |
|---|---|
| 1ċ | ċenteżmu |
| 2ċ | żewġ ċenteżmi |
| 5ċ | ħames ċenteżmi |
| 10ċ | għaxar ċenteżmi |
| 20ċ | għoxrin ċenteżmu |
| 50ċ | ħamsin ċenteżmu |
| EUR 1 | ewro |
| EUR 2 | żewġ ewro |
| EUR 5 | ħames ewro |
| EUR 10 | għaxar ewro |
| EUR 20 | għoxrin ewro |
| EUR 50 | ħamsin ewro |
| EUR 100 | mitt ewro |
| EUR 200 | mitejn ewro |
| EUR 500 | ħames mitt ewro |

### €130,000.05

F'lista ta' ċifri, tikteb
EUR 130,000.05

F'test kontinwu, l-istess ċifra tinkiteb
130,000.05 ewro

Bil-kliem, l-istess ċifra tiġi
mija u tletin elf ewro u ħames ċenteżmi

Appendiċi Ċ

## Qari ieħor dwar l-ismijiet tal-munita Ewropea

Min jixtieq tagħrif ieħor dwar dan is-suġġett, xi diffikultajiet li qed jiltaqgħu magħhom pajjiżi differenti u s-soluzzjonijiet li qed jiġu proposti jista' jagħti daqqa t'għajn lejn dawn is-siti elettroniċi:

**Spelling of the words "euro" and "cent" in the official Community languages to be used when drawing up Community Legislative acts**
http://europa.eu.int/comm/economy_finance/euro/faqs/faqs_13_en.htm
Is-sit uffiċjali tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

**English Style Guide: A handbook for authors and translators in the European Commission**
http://europa.eu.int/comm/translation/writing/style_guides/english/style_guide_en.pdf
*Gwida għall-Istil* tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

**Euro or eora? Cent or ceint? The new currency and Ireland**
www.evertype.com/standards/euro/euro-eora-en.pdf
Diskussjoni interessanti minn ħafna angoli.

**Linguistic issues concerning the euro**
http://en.wikipedia.org/wiki/Linguistic_issues_concerning_the_Euro
Dettalji dwar l-ismijiet tal-munita Ewropea f'ilsna differenti.

**It's a boy! The euro gets a gender**
http://news.bbc.co.uk/1/hi/special_report/single_currency/86518.stm
Storja qasira tal-BBC li turi s-sensittività tal-poplu Franċiż għall-isem tal-munita Ewropea.

**Gli euro e le lingue**
www.istruzione.it/euro/web_istruzione/crusca.shtml
Diskussjoni fuq il-forma tal-plural *euro* fit-Taljan.
Jikteb il-President ta' l-Accademia della Crusca.

**The name of the euro in European languages**
www.evertype.com/standards/euro/euronames.html
Ġabra ta' ismijiet uffiċjali u popolari mogħtija lill-munita Ewropea.

**There's more than one way to spell euro**
www.telegraph.co.uk/news/main.jhtml?xml=/news/2004/10/13/weu113.xml&sSheet=/news/2004/10/13/ixworld.html
Artiklu dwar kif Malta, il-Litwanja, il-Latvja, l-Ungerija u s-Slovenja semmgħu leħinhom kontra l-kitba tal-forma *euro* fi lsienhom.

Il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti

36 Triq iz-Zekka
Valletta VLT 12
Malta
Tel +356 2122 7628
kunsilltalmalti@gov.mt

www.kunsilltalmalti.gov.mt

President Prof. Manwel Mifsud
Viċi-President Dr Josette Attard
Segretarju George Farrugia
Membri Prof. Albert Borg
Joseph P. Borg
Dr Charles Briffa
Victor Cauchi
Dr Ray Fabri
Prof. Joe Friggieri
Dr Simone Inguanez
Mario Schiavone



© Il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti, Novembru 2005